MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 82/8

It-Tnejn 7 ta' Novembru 2022

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja Itaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa ta ` filghaxija (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Maria Micallef - Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella; Viċi-Sindku: JM Calleja; Kunsilliera: S. Caruana, A. Amri Brincat u M. Micallef

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| 082.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji; |
| 082.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti; |
| 082.3 | Komunikazzjoni mis-Sindku; |
| 082.4 | Laqgha Annwali tal-Lokalita; |
| 082.5 | Dekasteri Godda ghall-Kunsilliera; |
| 082.6 | Approvazzjoni tal-Financial Quarterly Report minn Jan-Sett 2022; |
| 082.7 | Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri; |
| 082.8 | Rapporti; |
| 082.9 | Temi oħra tal-Kunsill Lokali;<br>a. Triq iż-Żebbuġa – progress<br>b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress<br>c. Ġnien Raymond Caruana – progress<br>d. Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh - progress |
| 082.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; |
| 082.11 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss. |

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u kwart ta' filghaxija (5:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 082.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji;

Kulhadd kien prezenti ghalhekk ma kienx hemm ittri ta' apologija.

### 082.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti Nru 80 u 81 ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva il-minuti nru 80/8 nem con.

Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-kliem li qal fejn huwa allega li s-Sindku kienet qed tigdeb u mhux li hija giddieba. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jergghu jistemu l-Minuti Nru 81 sabiex jigu approvati fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

Fil-17:20hr Is-Sindku tablet sabiex il-laqgha tigi fi stadju ta` kumitat biex tigi diskussa l-materja dwar l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand l-Ghaqda Maria Assunta.

Is-Sindku spjegat li wara li l-Kunsill iddiskuta flimkien ma` rapprezentanti tal-Ghaqda Maria Assunta, tablet sabiex il-membri tal-Kunsill jivvutaw jekk jaqblux li din l-Ghaqda taghmel arblu ghall-spejjez taghha fuq ic-central strip ta` Triq Bir Miftuh, bil-patt li l-Kunsill jaghmel uzu minnu f`Jum il-Gudja u f`attivitajiet ohra tal-Kunsill.

Il-Kunsillier S Caruana qal li huwa m`ghandhux ogezzjoni imma jixtieq li dan l-arblu jintuza minn kull ghaqda mir-rahal. Is-Sur Caruana zied jghid li l-Kunsill ghandu jhallas l-arblu u b`hekk jintuza minghand kulhadd. Is-Sur Caruana kompla billi qal li din it-talba mill-Ghaqda Maria Assunta ghandha tigi emendata.

Is-Sindku MS Vella Gafa, il-Vici Sindku JM Calleja u l-Kunsilliera M Micallef ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillier S Caruana u l-Kunsilliera A Amri Brincat ivvutaw kontra. Il-Kunsillier S Caruana qal li huwa favur li jsiru toqob ghall-armar imma hadd ma jkollu jedd fuq toqba tal-arblu partikulari.

Il-Vici Sindku JM Calleja qal li f`Jum il-Gudja ghandha titella` l-bandiera tal-Gudja.

Fis-17:50hr Is-Sindku tablet sabiex il-laqgha tigi fi stadju ta` kumitat biex tigi dikussa l-materja dwar l-ittra li l-Kunsill ircieva minghand Grupp Armar tal-Festa Santa Marija flimkien mas-Socjeta Filarmonika La Stella.

Fis-18:00hr Wara diskussjoni li saret mar-rapprezentanti taz-zewg ghaqdiet, is-Sindku tablet sabiex jittiehed vot dwa it-talba taghhom sabiex isir arblu fuq ic-central strip ta` Vjal it-Torri, li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-approvazzjoni minn TM u dan jintuza miz-zewg ghaqdiet. Is-Sindku MS Vella Gafa, il-Vici Sindku JM Calleja u l-kunsillier M Micallef ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier S Caruana u l-Kunsillier A Amri Brincat ivvutaw kontra. Il-Kunsillier S Caruana qal li huwa favur li jsiru toqob ghall-armar imma hadd ma jkollu jedd fuq toqba tal-arblu partikulari.

**082.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

082.3.1 Is-Sindku prezentat ir-rapport tal-Contracts Manager ghal attenzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsilliera A Amri Brincat ghamlet referenza ghat-truck tal-scammel tar-riciklagg li qed jghaddi minn Triq Santa Marija fejn qed johloq periklu lill-gallarijiet tar-residenti. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jinforma lill-Green Pak dwar dan.

082.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li ntbghatet mir-Regjun Nofsinhar dwar il-manutenzjoni tal-latrini pubblici, fejn il-Kunsill wera interess sabiex isir il-manutenzjoni mehtiega fil-latrina pubblika ta` Gnien R.Caruana.

082.3.3 Prezentata l-kwotazzjoni tal-stainless stell parking signs sabiex jehlu fi Triq Santa Katerina, Triq id-Dejqa u Triq J.Pace. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni ta` B.Grima and Sons, liema kwotazzjoni hija bl-installazzjoni b`kollox.

082.3.4 Prezentati l-kwotazzjonijiet ghat-tizjin tal-Milied fiz-zona tal-Mithna HE, fejn il-Kunsill approva l-kwotazzjoni tas-Sur Noel Borg.

082.3.5 Prezentati l-kwotazzjonijiet tat-tindif tal-gibjun ta` Gnien R.Caruana. Il-Kunsillier S Carauna talab sabiex tingieb kwotazzjoni ohra ma` zewg kwotazzjonijiet li diga ghandu l-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista` jiehu decizjoni.

082.3.6 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minn IM dwar liema toroq u xoghlijiet ohra infrastrutturali l-Kunsill Lokali tal-Gudja jixtieq jaghmel flimkien ma` IM matul it-tlett snin li gejjin. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jsiru dawn it-toroq: Triq iz-Zebbuga, Triq il-Lewz, Triq San Ciru, Triq Mons Pawlu Mallia (l-ahhar parti), bankina ta` Triq Dun Pietru Farrugia u Triq De Warsbergh.

082.3.7 Prezentata l-kwotazzjoni tal-scooter racks. Il-Kunsill ma approvax din il-kwotazzjoni minhabba li l-ispiza hija wahda gholja.

Fis-19:15hr il-Kunsilliera M Micallef talbet sabiex tigi skuzata mill-laqgha.

082.3.8 Is-Sindku Dr MS Vella Gafa prezentat pjanti u disinni tal-binja tal-Kunsill u tal-Gnien R.Caruana li gew mhejjieha mill-perit tal-public works. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex dawn il-pjanti jintbghatu b`soft copy lill-Kunsill. Is-Sur Caruana talab sabiex il-Kunsill jistaqsi lill-perit ikkoncernat dwar il-pavimentar li jidher li ser isir fi Triq P.Cagliardi, u dwar l-gholi tal-binja tal-Kunsill.

082.3.9 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghadn is-Sur Betram Portelli fejn talab sabiex il-Kunsill jghin finanzjament sabiex jigi ppublikat il-ktieb il-gdid ta` Omm ta` Bosta Wlied. Il-Kunsill talab sabiex ikun jaf kemm hija l-ispiza.

082.3.10 Giet prezentata ittra li ntbghatet mill-programm Popolin li jintwera fuq TVM, fejn qed jitolbu sabiex il-Kunsill jinnomina xi persuni mill-lokalita li ghandhom xi hiliet, kisbu xi success jew ghandhom xi passatemp partikulari. Il-Kunsill innomina lis-Sur Ivan Mangion, is-Sur Horace Micallef u s-Sur Jesmond Farrugia.

082.3.11 Giet prezentata l-korrispondenza li ntbghatet mir-Regjun Nofsinhar dwar l-applikazzjoni tal-Progetti Kapitali fejn ir-Regjun ser ikun qieghed japplika ghan-nom tal-Kunsilli sabiex jiehu fondi

biex jigu nstallati smart playground equipment f`zoni miftuha. Il-Kunsill ippropona biex dawn jigi installati fl-ispazju miftuh li ser isir fejn il-Palazz ta` Bettina.

082.3.12 Is-Sindku talbet sabiex harga (Buffett Breakfast) ghar-residenti gewwa l-Waterfront Hotel. Il-Kunsill qbael li l-harga ssir it-Tnejn 5 ta` Dicembru 2022.

082.3.13 Giet prezentata korrispondenza dwar car show li ser isir nhar il-Hadd 4 ta` Dicembru fl-area ta` Loretu. L-organizzaturi ta` din il-car show qed jitolbu sabiex il-Kunsill jghin finanzjament sabiex jigu mikrija mobile toilet. Il-Kunsill ma sabx ogezzjoni bil-kundizzjoni li fil-poster jsir li din l-attivita qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

082.3.14 Giet prezentata korrispondenza li waslet minghand it-TM sabiex isir double yellow line fi Triq il-Kbira (fil-bidu ta` triq).

082.3.15 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill qed jistenna lill-kuntrattur ta` dawl sabiex imexxi l-arblu fejn ser tigi nstallata ic-cctv fi Triq il-Kbira.

082.3.16 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva li ser jibbenifika minn fondi taht il-Mizura 4.3 sabiex jkun jista` jaghmel xoghol ta` infrastruttura fit-toroq rurali tal-Gudja. It-toroq approvati huma Sqaq il-Logga u Triq tal-Gholljiet.

082.3.17 Prezentat Mandat ta` Inibizzjoni li wasal ghand il-Kunsill tas-Sinjura A. Galea kontra is-Segretarju Permanenti, Kunsili, Regjuni fost ohrajn. Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-AKL kienet ser twiegeb bl-avukat taghha ghan-nom tal-Kunsilli Lokali.

082.3.18 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivitajiet tal-Milied ser jigu organizzati bejn is-16 u 18 ta` Dicembru 2022. Il-Kunsill qabel li mill-kumplament tal-fondi tal-progett tal-EU li jammontaw ghal madwar sebgha t`elef euro jmorru ghal din l-attivita. Il-Kunsill ivvota somma ta` hmistax -il elf ewro mill-allokazzjoni tieghu ghal din l-istess attivita flimkien mall-persentagg li jrid

johrog mill-fondi tal-Skema tal-Milied. Is-Sindku ziedet tghid li l-invoices iridu jinhargu direttament fuq il-Kunsill sabiex jkun jista` jaghmel il-pagamenti dirett. Il-Kunsill ser ikun qieghed jaghti sitt elef lit-tlett ghaqdiet Maria Assunta, Santa Marija u La Stella sabiex itellghu l-attivitajiet matul it-tlett ijiem.

**082.4 Laqgha Annwali tal-Lokalita;**

Is-Sindku talbet sabiex tinstab data biex isir il-Laqgha Annwali tar-Residenti. Wara diskussjoni, giet deciz li laqgha ser isir nhar it-Tlieta 6 ta` Dicembru fis-sitta ta` filghaxija (6:00pm) fic-Centru Santa Marija.

**082.5 Dekasteri Godda tal-Kunsilliera;**

Is-Sindku qalet li dawn id-dekasteri l-godda ser jinghataw meta l-membri kollha tal-Kunsill ikunu prezenti ghal fatt li ser ikun hemm xi bdil fid-dekasteri.

**082.6 Approvazzjoni tal-Financial Quarterly Report minn Jan-Sett 2022;**

Dan l-item ma giex diskuss.

**082.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Dan l-item ma giex diskuss.

**082.8 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**082.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress

Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ser ikollu bzonn jaghmel Change Request sabiex jsir estenzjoni taz-zmien sa` Marzu 2023.

**082.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Dan l-item ma giex diskuss.

**082.11 Tmiem tal-Laqgha**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8:15pm). Is-Sindku aġġornat kontinwazzjoni ta` din il-laqgha għal nhar il-Hamis 10 ta` Novembru 2022 fl-4:00pm fuq l-istess agenda.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta` Dicembru 2022

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv